

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 120

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

1 ta' Mejju 2013

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 396/2013 tat-30 ta' April 2013 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1014/2010 f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċerti rekwiżiti għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet tas-CO₂ minn karożżi ġodda tal-passiġġieri ⁽¹⁾** 1
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 397/2013 tat-30 ta' April 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-monitoraġġ tal-emissjonijiet tas-CO₂ minn karożżi ġodda tal-passiġġieri ⁽¹⁾** 4
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 398/2013 tat-30 ta' April 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 883/2006 li jistipula l-modalitajiet ta' implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005, rigward iż-żamma tal-kotba tal-aġenziji tal-ħlas, id-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż u tad-dħul u l-kundizzjonijiet ta' ħlas lura tal-ispejjeż fil-qafas tal-EAGF u tal-EAFRD** 9
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 399/2013 tat-30 ta' April 2013 li jistabilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex
 11
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 400/2013 tat-30 ta' April 2013 li jistabilixxi d-dazji għall-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mill-1 ta' Mejju 2013
 13

Prezz: EUR 3

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE
MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

2013/213/UE:

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' April 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2010/221/UE fir-rigward tal-approvazzjoni ta' miżuri nazzjonali għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni tal-ostreid herpesvirus 1 μvar (OsHV-1 μvar) f'ċerti żoni tal-Irlanda u r-Renju Unit (notifikata bid-dokument C(2013) 2381) ⁽¹⁾**..... 16

Avviż lill-qarrejja – Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea s3

Avviż (Ara paġna 3 tal-qoxra)



⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 396/2013

tat-30 ta' April 2013

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1014/2010 f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċerti rekwiżiti għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet tas-CO₂ minn karożżi ġodda tal-passiġġieri

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Ir-Regolament (UE) Nru 1014/2010 għandu jiġi emendat kif ġej:

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jstabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karożżi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO₂ minn vetturi ħfief⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 8(9) tiegħu,

(1) L-Artikolu 3(7) għandu jinbidel b'dan li ġej:

“7. Meta vettura jkollha distanzi bejn il-fusien ta' wisa' differenti, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw il-wisa' massimu tal-fus taħt il-parametri “wisa' bejn rota u oħra tal-fus tat-tidwir” jew “wisa' bejn rota u oħra tal-fusien l-oħrajn” fid-dejta ta' monitoraġġ iddettaljata.”

Billi:

(2) L-Artikolu 5 għandu jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 5

Tħejjija tad-dejta mill-Istati Membri

Meta jkunu qed ilestu d-dejta ta' monitoraġġ iddettaljata, l-Istati Membri għandhom jinkludu:

(1) Abbażi tal-esperjenza li nkisbet mill-monitoraġġ tal-emissjonijiet tas-CO₂ mill-karożżi l-ġodda tal-passiġġieri fl-2010 u fl-2011, l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 ġie emendat biex il-ġbir tad-dejta rilevanti ġie ssimplifikat u biex il-manifatturi ngħataw il-mezzi sabiex jivverifikaw dik id-dejta b'mod effiċjenti.

(a) għal kull vettura b'emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ ta' anqas minn 50 gramma ta' CO₂ għal kull kilometru, l-għadd ta' vetturi rreġistrati mingħajr ma jiġu applikati l-fatturi ta' multiplikazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009;

(2) Sabiex jiġi previst approċċ koerenti għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet tas-CO₂, huwa xieraq li r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1014/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' dejta fuq ir-reġistrazzjoni ta' karożżi ġodda tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾ jiġi allinjat mal-emendi li saru fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 443/2009.

(b) għal kull vettura ddisinjata b'mod li tkun kapaċi taħdem bil-fjuwil tal-etanol (E85), l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ mingħajr ma jiġi applikat it-tnaqqis ta' 5 % fl-emissjonijiet tas-CO₂ mogħti lil dawn il-vetturi skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009;

(3) Għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 1014/2010 għandu jiġi emendat kif xieraq.

(c) għal kull vettura mgħammra b'teknoloġiji innovattivi, l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ mingħajr ma jitqies it-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO₂ permezz tat-teknoloġiji innovattivi mogħti skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima,

Id-dejta ta' monitoraġġ iddettaljata għandha tiġi rrapportata bil-preċiżjoni stabbilita fit-tabella fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.”

⁽¹⁾ ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 293, 11.11.2010, p. 15.

(3) L-Artikolu 7 għandu jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 7

Vetturi li mhumiex koperti mill-approvazzjoni tat-tip tal-KE

1. F'każ li l-karozzi tal-passiġġieri jkunu suġġetti għal approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' serje żgħira skont l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2007/46/KE jew għal approvazzjoni individwali skont l-Artikolu 24 tal-istess Direttiva, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-għadd rispettiv ta' dawn il-karozzi rreġistrati fit-territorju tagħhom, kif speċifikat fl-ewwel tabella mogħtija fil-Parti C tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 443/2009.

2. L-Istati Membri jistgħu jimlew id-dejta ta' monitoraġġ iddettaljata għall-vetturi msemmija fil-paragrafu 1 u, f'dak il-

każ, għandhom jużaw waħda mid-denominazzjonijiet li ġejjin minflok isem il-manifattur:

- (a) 'AA-IVA' biex jirrappurtaw tipi ta' vetturi approvati individwalment;
 - (b) 'AA-NSS' biex jirrappurtaw tipi ta' vetturi approvati f'serje żgħira b'mod nazzjonali.”
- (4) L-Annessi I u II tar-Regolament (UE) Nru 1014/2010 għandhom jinbidlu bit-test mogħti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX

"ANNEX I

Sorsi tad-dejta

Parametru	Ċertifikat ta' konformità (il-Parti I, il-Mudell A1, A2 jew B stabbilit fl-Anness IX tad-Direttiva 2007/46/KE, skont kif ikun xieraq)	Dokumentazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip (id-Direttiva 2007/46/KE)
Il-manifattur	It-Taqsima 0.5	It-Taqsima 0.5 tal-Parti I tal-Anness III
In-numru tal-approvazzjoni tat-tip u l-estensjoni tiegħu	It-Taqsima 0.10	Ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip kif speċifikat fl-Anness VI
It-tip	It-Taqsima 0.2	It-Taqsima 0.2 tal-Parti I tal-Anness III
Il-varjant	It-Taqsima 0.2	Il-Parti II tal-Anness III
Il-verzjoni	It-Taqsima 0.2	Il-Parti II tal-Anness III
L-għamla	It-Taqsima 0.1	It-Taqsima 0.1 tal-Parti I tal-Anness III
L-isem kummerċjali	It-Taqsima 0.2.1	It-Taqsima 0.2.1 tal-Parti I tal-Anness III
Il-kategorija tal-vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip	It-Taqsima 0.4	It-Taqsima 0.4 tal-Parti I tal-Anness III
Il-massa (f'kg)	It-Taqsima 13	It-Taqsima 2.6 tal-Parti I tal-Anness III ⁽¹⁾
L-emissjonijiet speċifiċi tas-CO ₂ (fi g/km) ⁽²⁾	It-Taqsima 49.1	It-Taqsima 3 tal-Anness VIII
It-tul bejn il-fusien (f'mm)	It-Taqsima 4	It-Taqsima 2.1 tal-Parti I tal-Anness III ⁽¹⁾
Il-wisa' bejn rota u oħra tal-fus tat-tidwir u tal-fusien l-oħrajn (f'mm)	It-Taqsima 30	It-Taqsima 2.3.1 u t-Taqsima 2.3.2 tal-Parti I tal-Anness III ⁽³⁾
It-tip ta' fjuwil	It-Taqsima 26 (jew it-Taqsima 23)	It-Taqsima 3.2.2.1 tal-Parti I tal-Anness III
Il-modalità tal-fjuwil	It-Taqsima 26.1 (jew it-Taqsima 23.1)	It-Taqsima 3.2.2.4 tal-Parti I tal-Anness III
Il-kapaċità tal-magna (f'cm ³)	It-Taqsima 25	It-Taqsima 3.2.1.3 tal-Parti I tal-Anness III
Il-konsum tal-enerġija elettrika (f'Wh/km)	It-Taqsima 49.2	

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 3(8) ta' dan ir-Regolament.

⁽²⁾ Skont l-Artikolu 3(4) ta' dan ir-Regolament.

⁽³⁾ Skont l-Artikolu 3(7) u 3(8) ta' dan ir-Regolament.

ANNEX II

Tabella dwar il-preċiżjoni tad-dejta

Il-preċiżjoni meħtieġa għad-dejta ta' monitoraġġ iddetaljata li għandha tiġi rrapportata skont l-Artikolu 2:

Is-CO ₂ (fi g/km)	Numru sħiħ
Il-massa (f'kg)	Numru sħiħ
It-tul bejn il-fusien (f'mm)	Numru shih
Il-wisa' bejn rota u oħra tal-fus tat-tidwir u tal-fusien l-oħrajn (f'mm)	Numru sħiħ
It-tnaqqis fl-emissjonijiet permezz tat-teknoloġiji innovattivi (fi g/km)	Numru mqarreb għall-eqreb ċifra wara l-punt deċimali"

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 397/2013

tat-30 ta' April 2013

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-monitoraġġ tal-emissjonijiet tas-CO₂ minn karożżi ġodda tal-passiġġieri

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karożżi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO₂ minn vetturi ħfief⁽¹⁾, u b'mod partikulari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(9) tiegħu,

Billi:

- (1) L-esperjenza li nkisbet mill-monitoraġġ tal-emissjonijiet tas-CO₂ mill-karożżi l-ġodda tal-passiġġieri fl-2010 u fl-2011 uriet li l-kalkolu preċiż tal-emissjonijiet speċifiċi medji u tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi jista' jsir biss abbażi tad-dejta ddettaljata msemmija fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 443/2009. Għalhekk huwa xieraq li d-dejta aggregata speċifikata fl-ewwel tabella mogħtija fil-Parti C tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 tiġi aġġustata biex tkun tinkludi biss dik id-dejta li hija strettament meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament.
- (2) Madankollu, sabiex jittejbu l-kwalità u l-preċiżjoni tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet tas-CO₂ mill-karożżi tal-passiġġieri, jeħtieġ li jiġu speċifikati iktar uħud mill-parametri tad-dejta meħtieġa u li jiżiedu parametri oħrajn li s'ssa kienu qed jiġu mmonitorjati fuq bażi volontarja.
- (3) L-inklużjoni tan-numru tal-approvazzjoni tat-tip bħala parametru tad-dejta li għandu jiġi mmonitorjat u rrapportat jista' jtejjeb il-mod kif il-manifatturi jivverifikaw il-kalkoli provviżorji tal-emissjonijiet speċifiċi medji tagħhom u tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi tagħhom u, b'hekk, jiżgura iktar preċiżjoni fis-sett tad-dejta finali.
- (4) Il-karożżi tal-passiġġieri li għandhom approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' serje żgħira skont l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru)⁽²⁾ jew il-karożżi li għandhom approvazzjoni individwali skont l-

Artikolu 24 tal-istess Direttiva ma jitqisux għall-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' manifattur. Madankollu, huwa importanti li l-għadd ta' dawk il-vetturi jiġi mmonitorjat b'mod konsistenti sabiex jiġi vvalutat kwalunkwe impatt potenzjali li jista' jkun hemm fuq il-proċess tal-monitoraġġ u fuq il-kisba tal-mira tal-Unjoni Ewropea għall-emissjonijiet medji tas-CO₂. Għalhekk, kull sena għandu jingħata l-għadd totali ta' dawk ir-reġistrazzjonijiet.

- (5) Għandu jiġi żgurat ukoll li l-monitoraġġ tal-emissjonijiet tas-CO₂ mill-karożżi tal-passiġġieri jiġi allinjat mal-monitoraġġ għall-karożżi kummerċjali ħfief skont ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi ħfief⁽³⁾, billi l-kapaċità tal-magna u l-konsum tal-enerġija elettrika jiġu inklużi bħala parametri obbligatorji tal-monitoraġġ, minbarra n-numru tal-approvazzjoni tat-tip. Barra minn hekk, meta ċ-ċertifikat tal-konformità ma jintużax bħala s-sors tad-dejta primarja, u d-dejta tittieħed, fost l-oħrajn, mid-dokumenti tal-approvazzjoni tat-tip, għandu jiġi ċċarat il-fatt li, f'dawk il-każijiet, id-dejta trid tkun konsistenti mad-dejta mogħtija fiċ-ċertifikati tal-konformità.
- (6) Sabiex ikun żgurat li dawk l-emendi jkun jstgħu jitqiesu għall-monitoraġġ tad-dejta fl-2013, huwa xieraq li d-dħul fis-seħħ ta' dan l-att jiġi previst għal jum li ma jkunx iktar tard mis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (7) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 għandu jiġi emendat kif xieraq.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 għandu jinbidel bit-test mogħti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 145, 31.5.2011, p. 1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"ANNEX II

IL-MONITORAĠĠ U R-RAPPURTAR TAL-EMISSIONIJET**IL-PARTI A – Il-ġbir tad-dejta dwar il-karozzi l-ġodda tal-passiġġieri u l-istabbiliment tat-tagħrif dwar il-monitoraġġ tal-emissionijiet tas-CO₂**

1. Għal kull sena kalendarja, l-Istati Membri għandhom jirreġistraw id-dejta ddettaljata li ġejja għal kull karozza ġdida tal-passiġġieri rreġistrata fit-territorju tagħhom:
 - (a) il-manifattur;
 - (b) in-numru tal-approvazzjoni tat-tip u l-estensjoni tiegħu;
 - (c) it-tip, il-varjant u l-verżjoni;
 - (d) l-għamla u l-isem kummerċjali;
 - (e) il-kategorija tal-vettura li jkollha approvazzjoni tat-tip;
 - (f) l-għadd totali ta' reġistrazzjonijiet ġodda;
 - (g) il-massa;
 - (h) l-emissionijiet speċifiċi tas-CO₂;
 - (i) l-impronta: it-tul bejn il-fusien u l-wisa' bejn rota u oħra tal-fus tat-tidwir u tal-fusien l-oħrajn;
 - (j) it-tip ta' fjuwil u l-modalità tal-fjuwil;
 - (k) il-kapaċità tal-magna;
 - (l) il-konsum tal-enerġija elettrika;
 - (m) il-kodiċi għat-teknoloġija innovattiva jew għall-grupp ta' teknoloġiji innovattivi u t-tnaqqis fl-emissionijiet tas-CO₂ li ġej minn dik it-teknoloġija innovattiva.
2. Id-dejta ddettaljata msemmija fil-punt 1 għandha tittieħed miċ-ċertifikat tal-konformità tal-karozza tal-passiġġieri rilevanti, jew għandha tkun konsistenti maċ-ċertifikat tal-konformità maħruġ mill-manifattur tal-karozza tal-passiġġieri rilevanti. F'każ li ma jintużax iċ-ċertifikat tal-konformità, l-Istati Membri għandhom jimplementaw il-miżuri meħtieġa sabiex tkun żgurata l-preċiżjoni adegwata fil-proċedura ta' monitoraġġ. F'każ li, għal karozza tal-passiġġieri, jiġu speċifikati kemm valur minimu kif ukoll valur massimu għall-valuri tal-massa u tal-impronta msemmijin fil-punt 1(i), l-Istati Membri għandhom jużaw biss iċ-ċifra massima għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Fil-każ ta' vetturi li jużaw żewġ tipi ta' fjuwil (kemm il-petrol u kemm il-gass), li jkollhom ċertifikati tal-konformità li juru ċ-ċifri għall-emissionijiet speċifiċi tas-CO₂ għaż-żewġ tipi ta' fjuwil, l-Istati Membri għandhom jużaw biss iċ-ċifra mkejla għall-gass.
3. Għal kull sena kalendarja, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu:
 - (a) is-sorsi użati għall-ġbir tad-dejta ddettaljata msemmija fil-punt 1;
 - (b) l-għadd totali ta' reġistrazzjonijiet ġodda ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri li huma suġġetti għal approvazzjoni tat-tip tal-KE;
 - (c) l-għadd totali ta' reġistrazzjonijiet ġodda ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri li għandhom approvazzjoni individwali;
 - (d) l-għadd totali ta' reġistrazzjonijiet ġodda ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri li għandhom approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' serje żgħira;
 - (e) il-perċentwali tal-pompi tal-fjuwil kollha fit-territorju tagħhom li jipprovdu l-fjuwil tat-tip E85.

IL-PARTI B – Il-metodu biex jiġi stabbilit it-tagħrif dwar il-monitoraġġ tal-emissionijiet tas-CO₂ għall-karozzi l-ġodda tal-passiġġieri

It-tagħrif dwar il-monitoraġġ li l-Istati Membri jeħtieġ li jistabbilixxu skont il-punti 1 u 3 tal-Parti A għandu jiġi stabbilit skont il-metodu mogħti f'din il-Parti.

1. L-għadd ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-għadd ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fit-territorju tagħhom fis-sena ta' monitoraġġ rispettiva, imqassam fi tliet kategoriji – dik tal-vetturi li huma suġġetti għal approvazzjoni tat-tip tal-KE, dik tal-vetturi li huma suġġetti għal approvazzjoni individwali, u dik tal-vetturi li huma suġġetti għal approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' serje żgħira.

2. It-tqassim tal-karozzi l-ġodda tal-passiġġieri skont il-verżjoni tagħhom

Għal kull verżjoni ta' kull varjant ta' kull tip ta' karozza ġdida tal-passiġġieri, għandhom jiġu rreġistrati l-għadd ta' karozzi tal-passiġġieri li jkun għadhom kemm ġew irreġistrati u d-dejta ddettaljata msemmija fil-punt 1 tal-Parti A.

3. L-Istati Membri għandhom jindikaw il-pompi tal-fjuwil fit-territorju tagħhom li jipprovdu l-fjuwil tat-tip E85 skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1014/2010 ⁽¹⁾.**IL-PARTI C – Il-format għat-trażmissjoni tad-dejta**

Għal kull sena, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw it-tagħrif speċifikat fil-punti 1 u 3 tal-Parti A fil-formati li ġejjin:

Id-dejta aggregata, inkluż it-tagħrif ġenerali speċifikat fil-punt 3 tal-Parti A:

Stat Membru ⁽¹⁾	
Sena	
Sors tad-dejta	
Għadd totali ta' reġistrazzjonijiet ġodda ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri li huma suġġetti għal approvazzjoni tat-tip tal-KE	
Għadd totali ta' reġistrazzjonijiet ġodda ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri li għandhom approvazzjoni individwali	
Għadd totali ta' reġistrazzjonijiet ġodda ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri li għandhom approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' serje żgħira	
Perċentwali tal-pompi tal-fjuwil kollha li jipprovdu l-fjuwil tat-tip E85, skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) Nru 1014/2010	
Għadd totali ta' pompi tal-fjuwil li jipprovdu l-fjuwil tat-tip E85, f'każ li l-proporzjon ta' dawn il-pompi jaqbeż it-30 % tal-pompi tal-fjuwil kollha, skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) Nru 1014/2010	

⁽¹⁾ Il-kodiċijiet tal-alfa-2 mogħtija fl-istandard tal-ISO bin-numru 3166, ħlief għall-Greċja u r-Renju Unit, li għalihom għandhom jintużaw il-kodiċijiet "EL" u "UK" rispettivament.

⁽¹⁾ ĠU L 293, 11.11.2010, p. 15.

Sena																				
Sena 1	Mani-fatur 1	Mani-fatur 1	Mani-fatur 1	Numru tal-approvazzjoni tat-tip 1	It-tip nru 1	Il-varjanti nru 1	Il-verzjoni nru 1	∴	∴	∴	∴	∴	∴	∴	∴	∴	∴	∴	∴	∴
Sena 1	Mani-fatur 1	Mani-fatur 1	Mani-fatur 1	Numru tal-approvazzjoni tat-tip 1	It-tip nru 1	Il-varjanti nru 1	Il-verzjoni nru 2	∴	∴	∴	∴	∴	∴	∴	∴	∴	∴	∴	∴	∴
Sena 1	Mani-fatur 1	Mani-fatur 1	Mani-fatur 1	Numru tal-approvazzjoni tat-tip 1	It-tip nru 1	Il-varjanti nru 2	Il-verzjoni nru 1	∴	∴	∴	∴	∴	∴	∴	∴	∴	∴	∴	∴	∴

(¹) Skont l-Artikolu 6,
(²) Skont l-Artikolu 12.”

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 398/2013

tat-30 ta' April 2013

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 883/2006 li jistipula l-modalitajiet ta' implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005, rigward iż-żamma tal-kotba tal-aġenziji tal-ħlas, id-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż u tad-dħul u l-kundizzjonijiet ta' ħlas lura tal-ispejjeż fil-qafas tal-EAGF u tal-EAFRD

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 42 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 883/2006 ⁽²⁾ jistabbilixxi ċerti rekwiżiti u regoli speċifiċi fost l-oħrajn dwar iż-żamma tal-kontijiet u d-dikjarazzjonijiet tal-infiq u l-introjtu mill-aġenziji tal-ħlas, u r-rimborż tan-nefqa mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1290/2005.
- (2) L-Artikolu 26(5) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 jistipula li l-Kummissjoni għandha tagħmel ħlasijiet intermedji fi żmien 45 jum mir-reġistrazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-infiq fejn għandhom jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet stabbiliti fil-paragrafu (3) ta' dak l-Artikolu.
- (3) Skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 883/2006, il-Kummissjoni tista' tinterrompi l-limitu taż-żmien għall-ħlas stabbilit fl-Artikolu 26(5) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 għal parti jew l-ammont kollu li qed jintalab, sakemm issir is-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni tal-infiq għall-perjodu ta' wara, fejn il-Kummissjoni tkun talbet aktar informazzjoni mill-Istat Membru, li jirrelata partikolarment ma' nuqqas ta' qbil, differenzi tal-interpretazzjoni jew inkonsistenzi dwar id-dikjarazzjoni tan-nefqa.
- (4) Sabiex ikun żgurat li l-fondi tal-Unjoni jintużaw skont ir-regoli applikabbli, huwa stipulat fl-Artikolu 59(6) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾ li l-Kummissjoni għandha tinterrompi skadenzi għal ħlasijiet jew tissospendi l-pagamenti b'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur.
- (5) Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, il-Kummissjoni għandha tivverifika li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll ikunu jeżistu u qed jiffunzjonaw kif suppost fl-Istati Membri u għandha tnaqqas

jew tissospendi l-ħlasijiet intermedji, partikolarment fejn dawk is-sistemi jfallu. Barra minn hekk, skont l-Artikoli 27 u 27(a) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' tnaqqas jew tissospendi l-ħlasijiet intermedji fejn l-Istat Membru jonqos milli jipprovdilha informazzjoni addizzjonali sodisfaċenti meta mitlub.

- (6) Sabiex ikunu mħarsal-interessi finanzjarji tal-Unjoni jew fir-rigward tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, huwa xieraq li jiġu estiżi n-numru ta' każijiet previsti fl-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 883/2006, fejn l-iskadenza għal pagamenti intermedji tista' tiġi interrotta, sabiex tkopri wkoll sitwazzjonijiet fejn it-tagħrif ipprovdut lill-Kummissjoni jissuġġerixxi l-preżenza ta' irregolaritajiet marbuta mat-talba għall-ħlas jew nuqqasijiet fil-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll fl-Istat Membru.
- (7) Ir-Regolament (KE) Nru 883/2006 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (8) Il-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli ma tax l-opinjoni tiegħu fil-limitu ta' żmien allokat mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 883/2006 għandu jinbidel bit-test li ġej:

"4. F'każijiet fejn huma meħtieġa kontrolli ulterjuri minħabba nuqqas ta' qbil, differenza fl-interpretazzjoni jew inkonsistenza dwar dikjarazzjoni tan-nefqa għal perjodu ta' referenza, li jirriżultaw partikolarment minn nuqqas li tiġi mibgħuta l-informazzjoni meħtieġa skont ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu, jew minħabba provi li l-infiq inkluż fid-dikjarazzjoni tal-infiq huwa affetwat minn irregolarità li għandha konsegwenzi finanzjarji serji, jew li hemm in-nuqqasijiet fil-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll għall-iżvilupp rurali, l-Istat Membru kkonċernat għandu, fuq talba mill-Kummissjoni, jipprovdni informazzjoni addizzjonali fi żmien il-perjodu stabbilit f'dik it-talba skont is-serjetà tal-problema. Din l-informazzjoni addizzjonali għandha tiġi pprovduta permezz ta' sistema sigura għall-iskambju tal-informazzjoni msemmija fit-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament.

Il-limitu taż-żmien tal-ħlas stipulat fil-paragrafu 5 tal-Artikolu 26 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 jista' jiġi interrott għall-ammont kollu li jkun is-suġġett tat-talba tal-ħlas, jew għal parti minnu, u jibda jgħodd mid-data tal-komunikazzjoni tat-talba għall-informazzjoni sakemm tasal

⁽¹⁾ ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 171, 23.6.2006, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

l-informazzjoni mitluba, iżda mhux iktar tard mid-data li fiha tiġi sottomessa d-dikjarazzjoni tal-ispejjeż tal-perjodu ta' wara.

Il-Kummissjoni tista' tissospendi jew tnaqqas il-pagamenti skont l-Artikolu 27(3) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 meta l-Istat Membru kkonċernat jonqos milli jwieġeb għat-talba għall-informazzjoni addizzjonali fil-perjodu stipulat ġo

dik it-talba, jew jekk it-tweġiba tkun meqjusa bħala insodisfaċenti jew turi li r-regoli applikabbli ma nżammux, jew jekk il-fondi tal-Unjoni ma ġewx użati b'mod ġust.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 399/2013**tat-30 ta' April 2013****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom

il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmiya fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2013.

Għall-Kummissjoni,
Fisem il-President,
Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	MA	77,1
	TN	92,5
	TR	125,9
	ZZ	98,5
0707 00 05	AL	65,0
	EG	158,2
	TR	130,2
	ZZ	117,8
0709 93 10	TR	99,6
	ZZ	99,6
0805 10 20	EG	54,2
	IL	71,6
	MA	51,2
	TN	67,7
	TR	70,6
	ZZ	63,1
0805 50 10	TR	97,0
	ZA	116,4
	ZZ	106,7
0808 10 80	AR	117,9
	BR	105,7
	CL	127,3
	CN	74,1
	MK	30,3
	NZ	136,2
	US	202,0
	ZA	109,7
	ZZ	112,9

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 400/2013

tat-30 ta' April 2013

li jistabbilixxi d-dazji għall-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mill-1 ta' Mejju 2013

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispozzizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament "Waħdieni dwar l-OKS")⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 642/2010 tal-20 ta' Lulju 2010 dwar regoli ta' applikazzjoni għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 dwar id-dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 1001 19 00, 1001 11 00, ex 1001 91 20 (qamħ komuni, għaż-żriġh), ex 1001 99 00 (qamħ komuni ta' kwalità għolja għajr dak għaż-żriġh), 1002 10 00, 1002 90 00, 1005 10 90, 1005 90 00, 1007 10 90 u 1007 90 00, id-dazju għall-importazzjoni huwa daqs il-prezz tal-intervent li jgħodd għal dawn il-prodotti fil-waqt tal-importazzjoni, biż-żieda ta' 55 % u bit-tnaqqis tal-prezz tal-importazzjoni CIF applikabbli għall-konsenja kkonċernata. Madankollu, dan id-dazju ma jistax jaqbeż ir-rata ta' dazji fit-Tariffa Doganali Komuni.
- (2) L-Artikolu 136(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li, għall-finijiet tal-kalkolu tad-dazju għall-importazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu

msemmi, għandhom jiġu stabbiliti fuq bażi regolari l-prezzijiet rappreżentattivi tal-importazzjoni CIF għall-prodotti kkonċernati.

- (3) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 1001 19 00, 1001 11 00, ex 1001 91 20 (qamħ komuni, għaż-żriġh), ex 1001 99 00 (qamħ komuni ta' kwalità għolja għajr dak għaż-żriġh), 1002 10 00, 1002 90 00, 1005 10 90, 1005 90 00, 1007 10 90 u 1007 90 00, id-dazju għall-importazzjoni huwa kkalkulat fuq il-prezz rappreżentattiv tal-importazzjoni CIF ta' kull jum iddeterminat skont il-metodu speċifikat fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.
- (4) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti d-dazji għall-importazzjoni għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Mejju 2013, applikabbli sakemm jidħlu fis-seħħ dazji għall-importazzjoni ġodda.
- (5) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat li din il-miżura tapplika malajr kemm jista' jkun wara li tkun disponibbli d-dejta aġġornata, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Mill-1 ta' Mejju 2013, id-dazji għall-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 huma stipulati fl-Anness I għal dan ir-Regolament abbażi tal-informazzjoni fl-Anness II.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 187, 21.7.2010, p. 5.

ANNEX I

Dazji għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 applikabbli mill-1 ta' Mejju 2013

Kodiċi NM	Isem tal-merkanzija	Dazju għall-importazzjoni ⁽¹⁾ (EUR/t)
1001 19 00 1001 11 00	QAMĦ durum ta' kwalità għolja	0,00
	ta' kwalità medja	0,00
	ta' kwalità baxxa	0,00
ex 1001 91 20	QAMĦ komuni, għaż-żriġh	0,00
ex 1001 99 00	QAMĦ komuni ta' kwalità għolja, għajr dak għaż-żriġh	0,00
1002 10 00 1002 90 00	SEGALA	0,00
1005 10 90	QAMĦIRRUM għaż-żriġh, għajr l-ibridi	0,00
1005 90 00	QAMĦIRRUM, għajr dak għaż-żriġh ⁽²⁾	0,00
1007 10 90 1007 90 00	SORGU tal-qamħ, għajr ibridi għaż-żriġh	0,00

⁽¹⁾ L-importatur jista' jibbenefika, skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010, minn tnaqqis fid-dazji ta':

- 3 EUR/t, jekk il-port tal-ħatt ikun fil-Baħar Mediterran (l hinn mill-Istrett ta' Ġibiltà) jew fil-Baħar l-Iswed, jekk il-merkanzija tasal fl-Unjoni mill-Oċeani Atlantiku jew permezz tal-Kanal ta' Suez,
- 2 EUR/t, jekk il-port tal-ħatt jinsab fid-Danimarka, l-Estonja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Finlandja, fl-Isvezja, fir-Renju Unit jew fuq il-kosta tal-Atlantiku tal-Peniżola Iberika, jekk il-merkanzija tasal fl-Unjoni mill-Oċean Atlantiku.

⁽²⁾ L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 kull tunnellata jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 642/2010 jiġu rrispettati.

ANNEX II

Informazzjoni għall-kalkolu tad-dazji stipulati fl-Anness I

16.4.2013-29.4.2013

(1) Il-kwantitajiet medji għall-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010:

(EUR/t)

	Qamħ komuni ⁽¹⁾	Qamħirrum	Qamħ durum kwalità għolja	Qamħ durum, ta' kwalità medja ⁽²⁾	Qamħ durum ta' kwalità baxxa ⁽³⁾
Borża	Minnéapolis	Chicago	—	—	—
Kwotazzjoni	244,04	196,38	—	—	—
Prezz FOB l-Istati Uniti tal-Amerika	—	—	246,90	236,90	216,90
Primjum tal-Golf	—	18,91	—	—	—
Primjum tal-Għadajjar il-Kbar	30,39	—	—	—	—

⁽¹⁾ Primjum pożittiva ta' EUR 14/t inkorporat (l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010).⁽²⁾ Skont ta' EUR 10/t (l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010).⁽³⁾ Skont ta' EUR 30/t (l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010).

(2) Il-kwantitajiet medji għall-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010:

Spejjeż għat-trasport: Il-Golf tal-Messiku — Rotterdam: 16,34 EUR/t

Spejjeż għat-trasport: L-Għadajjar il-Kbar — Rotterdam: 50,08 EUR/t

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-29 ta' April 2013

li temenda d-Deċiżjoni 2010/221/UE fir-rigward tal-approvazzjoni ta' miżuri nazzjonali għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni tal-ostreid herpesvirus 1 μvar (OsHV-1 μvar) f'ċerti żoni tal-Irlanda u r-Renju Unit

(notifikata bid-dokument C(2013) 2381)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/213/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard f'annimali akkwatiċi⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/221/UE tal-15 ta' April 2010 li tapprova miżuri nazzjonali biex jiġi limitat l-impatt ta' ċertu mard fl-annimali tal-akkwakultura u annimali akkwatiċi selvaġġi b'konformità mal-Artikolu 43 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE⁽²⁾ tippermetti li ċerti Stati Membri japplikaw restrizzjonijiet fuq konsenji tal-annimali akkwatiċi li jitqiegħdu fis-suq jew jiġu importati, sabiex jevitaw l-introduzzjoni ta' ċertu mard fit-territorju tagħhom.
- (2) L-Istati Membri jistgħu japplikaw dawn ir-restrizzjonijiet jekk ikunu wrew li t-territorju tagħhom, jew ċerti żoni demarkati tat-territorju tagħhom, huma liberi minn dan il-mard jew li dawn stabilixxew programm ta' qerda biex jiksbu din il-libertà.
- (3) Ir-restrizzjonijiet relatati mal-ostreid herpesvirus 1 μvar (OsHV-1 μvar) previsti fid-Deċiżjoni 2010/221/UE huma maħsuba biex japplikaw biss sat-30 ta' April 2013. L-OsHV-1 μvar hija marda emerġenti b'ħafna inċertezzi u l-programmi ta' sorveljanza approvati b'din id-Deċiżjoni għadhom ma ġewx evalwati bis-sħiħ. Għal-

hekk, il-perjodu ta' żmien li fih l-Istati Membri jistgħu japplikaw restrizzjonijiet relatati ma' din il-marda għandu jiġi estiż b'sena.

- (4) Id-Deċiżjoni 2010/221/UE għandha għaldaqstant tiġi emendata skont dan.
- (5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 3a(2), tad-Deċiżjoni 2010/221/UE, id-data "30 ta' April 2013" għandha tiġi sostitwita bid-data "30 ta' April 2014".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Mejju 2013.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' April 2013.

Għall-Kummissjoni

Tonio BORG

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14.

⁽²⁾ ĠU L 98, 20.4.2010, p. 7.

AVVIŻ LILL-QARREJJA

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

Skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU L 69, 13.3.2013, p. 1), mill-1 ta' Lulju 2013, l-edizzjoni elettronika biss tal-Ġurnal Uffiċjali għandha tiġi meqjusa awtentika u għandu jkollha effett legali.

Fejn ma jkunx possibbli li tiġi ppubblikata l-edizzjoni elettronika tal-Ġurnal Uffiċjali minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux previsti, l-edizzjoni stampata għandha tkun awtentika u għandu jkollha effett legali skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 216/2013.

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2013 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 300 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 420 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 910 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

